# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 15**

**Avviz numru 379/01/SM**

**Michele Peresso Limited.**

**vs**

**M.A. Supermarkets Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat 27 ta' April tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tnax-il centezmu (LM722.12,0), rapprezentanti prezz ta' merci lilha mibjugha u debitament konsenjati mis-socjeta' attrici;**

2. **Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mill-1 ta' Jannar, 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta. Ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta f'proceduri gudizzjarji hu ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tal-istralcarju tas-socjeta' konvenuta datata 25 ta' Jannar tas-sena 2002 li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**